



Monopolju tal-logħob tal-ażżard bl-Internet jista' jkun iġġustifikat biss jekk isegwi b'mod koerenti u sistematiku l-għan tal-ġlieda kontra l-perikoli marbuta ma' tali logħob

Fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' monopolju, il-qrati nazzjonali ma humiex marbuta li jieħdu inkunsiderazzjoni s-sistemi ta' kontroll li huma suġġetti għalihom kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor

Il-leġiżlazzjoni Awstrijaka tistabbilixxi monopolju fil-qasam tal-logħob tal-ażżard b'tali mod li d-dritt ta' organizzazzjoni u ta' operat tal-logħob tal-ażżard huwa rriżervat lill-Istat.

Il-logħob tal-każinò kkummerċjalizzat permezz tal-Internet huwa ttrattat bħala lotterija u għalhekk huwa suġġett għas-sistema ta' konċessjoni fuq il-lotteriji, li tipprovdi għall-attribuzzjoni ta' konċessjoni unika għal dan il-logħob kollu. Il-konċessjonarju għandu jkun kumpannija b'kapital azzjonarju, għandu jkollu l-uffiċċju rreġistrat fl-Awstrija, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza tal-awtoritajiet Awstrijaċi. Fil-preżent, il-konċessjonarju uniku huwa, sal-2012, il-kumpannija tad-dritt privat Österreichische Lotterien GmbH.

L-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard mingħajr awtorizzazzjoni hija suġġetta għal proċeduri kriminali.

Jochen Dickinger u Franz Ömer huma ċittadini Awstrijaċi u huma l-fundaturi tal-grupp multinazzjonali tal-logħob online bet-at-home.com. B'mod partikolari, dan il-grupp jinkludi fih kumpanniji sussidjarji Maltin li joffru logħob tal-każinò u mħatri sportivi bl-Internet fuq is-sit www.bet-at-home.com, u għandhom, f'dan ir-rigward, liċenzji Maltin għal-logħob tal-ażżard u għal-imħatri sportivi online. Is-sit huwa aċċessibbli f'bosta lingwi, inkluż il-Ġermaniż. Il-kumpanniji sussidjarji Maltin kienu jużaw, għall-inqas sa' Diċembru 2007, server stabbilit f'Linz (l-Awstrija), li tpoġġa għad-dispożizzjoni tagħhom mill-kumpannija stabbilita taħt id-dritt Awstrijak Bet-at-home.com Entertainment GmbH, li tagħha J. Dickinger u F. Ömer kienu l-amministraturi, u li kienet tiżgura wkoll il-manutenzjoni tas-sit, tas-software neċessarju għal-logħob kif ukoll tal-assistenza għall-utenti.

Inbdew proċeduri kriminali kontra J. Dickinger u F. Ömer fil-kwalità tagħhom ta' amministraturi tal-kumpannija bet-at-home.com Entertainment GmbH minħabba ksur tad-dritt Awstrijak dwar il-logħob tal-ażżard. Peress li l-Bezirksgericht Linz (qorti kantonali ta' Linz, l-Awstrija), li kellha l-kawża quddiemha, kellha dubji dwar jekk il-liġijiet Awstrijaċi kinux kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, hija ddeċidiet li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont il-ġurisprudenza tagħha, monopolju fuq il-logħob tal-ażżard jikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, tali restrizzjoni tista' tiġi iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħall-għan li jiġi żgurat livell ta' protezzjoni partikolarment għoli tal-konsumaturi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, fil-kuntest ta' rinviju preliminari, il-kwistjoni dwar liema għanijiet huma effettivament segwiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità

tal-miżuri adottati fit-ftitxija ta' dawn l-għanijiet, taqa' taħt il-ġurisprudenza tal-qorti tar-rinviju, filwaqt li lilha l-Qorti tal-Ġustizzja ttiprovdi ċerti kriterji fis-sentenza tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar b'mod partikolari l-ġurisprudenza tagħha li tgħid li, sabiex tkun koerenti mal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità u dak li jitnaqqsu l-opportunitajiet tal-logħob, leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi monopolju, filwaqt li tippermetti lill-persuna li għandha l-monopolju tadotta politika ta' espansjoni, għandha verament tkun ibbażata fuq il-konstatazzjoni li l-attivitajiet kriminali u ta' frodi marbuta mal-logħob jikkostitwixxu problema fl-Istat Membru kkonċernat, u li għalihom l-espansjoni tal-attivitajiet regolati tkun tista' tagħti rimedju. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, waħdu, l-għan ta' massimizzazzjoni tal-dħul tat-Teżor pubbliku ma jistax jippermetti tali restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar ukoll li huwa biss reklamar bil-qies u strettament limitat għal dak li huwa neċessarju sabiex il-konsumatur jiġi dirett lejn in-netwerks ta' logħob ikkontrollat li jista' jiġi aċċettat. Politika kummerċjali espansjonista, li l-għan tagħha huwa t-tkabbir tas-suq globali tal-attivitajiet tal-logħob ma hijiex koerenti mal-għan tal-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali u ta' frodi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kwistjoni dwar jekk il-kontrolli fuq l-operaturi ta' logħob tal-ażżard imwettqa fi Stati Membri oħra, bħal f'dan il-każ dawk li huma suġġetti għalihom il-kumpanniji sussidjarji Maltin f'Malta, għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l-Awstrija. Skont J. Dickinger u F. Ömer, kif ukoll il-Gvern Malti, Malta fil-fatt żviluppat sistema regolatorja effettiva tal-logħob tal-ażżard fuq l-Internet li hija tali li tirrispondi għall-għanijiet ta' protezzjoni tal-lagħba kontra l-frodi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni f'dan is-settur fil-livell tal-Unjoni, ma jista' jeżisti l-ebda obbligu ta' rikonossiment reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-Istati Membri l-oħra fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, u li s-sempliċi fatt li Stat Membru għażel sistema ta' protezzjoni differenti minn dik adottata minn Stat Membru ieħor ma għandu ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet adottati f'dan ir-rigward.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-ġurisprudenza tagħha, li tgħid li ma huwiex konformi mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi l-fatt li fornitur jiġi ssuġġettat għal restrizzjonijiet, fl-Istat Membru ospitanti, biex jiġu salvagwardati interessi ġenerali sa fejn dawn l-interessi jkunu diġà salvagwardati fl-Istat Membru ta' stabbiliment, ma hijiex, fl-istat attwali tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, applikabbli f'qasam bħal dak tal-logħob tal-ażżard, li ma huwiex armonizzat fil-livell tal-Unjoni u li fih l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa f'dak li jirrigwarda l-għanijiet li jridu jsegu, u l-livell ta' protezzjoni li jixtiequ.

F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li d-diversi Stati Membri mhux neċessarjament jiddisponu mill-istess mezzi tekniċi biex jikkontrollaw il-logħob tal-ażżard online. Il-fatt li livell partikolari ta' protezzjoni tal-konsumaturi kontra frodi mill-operatur jista' jintlaħaq fi Stat Membru bl-applikazzjoni ta' mezzi tekniċi sofistikati ta' kontroll u ta' sorveljanza ma jippermettix li jiġi konkluż li l-istess livell ta' protezzjoni jista' jintlaħaq fi Stati Membri oħra, li ma jkollhomx dawn il-mezzi tekniċi jew li ma jkunux għamlu l-istess għażliet f'dan ir-rigward. Stat Membru jista' leġittimament jasal biex jissorvelja attività ekonomika li ssejtn fit-territorju tiegħu, ħaġa li tkun impossibbli għalih jekk ikollu jibbaża ruħu fuq kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor permezz ta' sistemi regolatorji li ma jkollux kontrolli fuqhom huwa nnifsu.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża li tkun tresqet quddiemhom, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssolvi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom jittressqu problemi simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu mill-medja, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jiġi ppubblikat fuq is-sit CURIA fil-jum li fih tinqara s-sentenza

Kuntatt stampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Stampi tal-qari tas-sentenza jinsabu disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106